

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija <sup>(1)</sup>, japplika fil-każ fejn membru ta' assoċjazzjoni jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriża oħra sabiex jipprova prestazzjoni ta' xogħol, filwaqt li jkun suġġett għall-istruzzjonijiet tekniċi u organizzattivi ta' din tal-aħħar, jekk dan il-membru jkun intrabat, meta ssieħeb mal-assoċjazzjoni, li jqiegħed il-kapaċità ta' xogħol kollha tiegħu għad-dispożizzjoni wkoll ta' terzi, li bħala korrispettiv għalih jirċievi mingħand l-assoċjazzjoni remunerazzjoni mensili kkalkolata skont il-kriterji abitwali għall-attività kkonċernata, u jekk l-assoċjazzjoni tirċievi, fir-rigward ta' dan it-tqegħid għad-dispożizzjoni, kumpens għall-ispejjeż tal-persunal tal-membru inkwistjoni kif ukoll ammont b'rata fissa għall-ispejjeż amministrattivi?

<sup>(1)</sup> ĠU L 327, p. 9.

---

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fil-21 ta' Mejju 2015 – SC Doris Spedition SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Galați – Administrația Județeană a Finanțelor Publice Constanța – Serviciul fiscal orășenesc Hârșova**

**(Kawża C-234/15)**

(2015/C 270/16)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Constanța

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: SC Doris Spedition SRL

Konvenuta: Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Galați – Administrația Județeană a Finanțelor Publice Constanța – Serviciul fiscal orășenesc Hârșova

Parti terza li qed taġixxi ta' garanti: Administrația Fondului pentru Mediu București

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 110 TFUE jipprekludi l-istabbiliment, skont l-Artikolu 4(a) tal-Liġi Nru 9/2012, tal-obbligu li titħallas taxxa fuq l-emmissjonijiet li jniġġsu tal-karozzi użati li joriġinaw miż-żona tal-Komunità waqt ir-reġistrazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti, skont il-liġi, tal-akkwist tad-dritt ta' proprjetà fuq karozza, mill-ewwel proprjetarju fir-Rumanija, u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni u l-ġhoti ta' numru ta' reġistrazzjoni, taxxa li tapplika wkoll fil-każ ta' trasferiment tad-dritt ta' proprjetà fuq il-karozzi nazzjonali, ħlief meta tali taxxa jew taxxa simili tkun diġà tħallset?

---

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fil-21 ta' Mejju 2015 – Maria Bosneaga vs Instituția Prefectului – Județul Constanța – Serviciul Public Comunitar Reġim Permise de Conducere și Înmatriculare a Vehiculelor**

**(Kawża C-235/15)**

(2015/C 270/17)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Constanța

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Maria Bosneaga

Konvenuta: Instituția Prefectului – Județul Constanța – Serviciul Public Comunitar Reġim Permise de Conducere și Înmatriculare a Vehiculelor

**Domanda preliminar**

L-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprekludi l-istabbiliment, skont l-Artikolu 4(d) tad-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 9/2013, tal-obbligu li titħallas it-taxxa tal-boll ambjentali li tolqot il-karozzi użati li joriġinaw miż-żona tal-Komunità waqt ir-reġistrazzjoni tad-dritt ta' proprjetà fuq il-karozza użata meta din tkun karozza li għaliha l-ħlas lura jew ir-reġistrazzjoni bla ħlas, tat-taxxa speċjali fuq il-vetturi jew il-karozzi, tat-taxxa fuq it-tniġġis li tolqot il-karozzi jew it-taxxa fuq l-emissjonijiet li jniġġsu tal-karozzi tkun għet ordnata minn awtorità ġudizzjarja?

---

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Constanța (ir-Rumanija) fil-21 ta' Mejju 2015 – Dinu Antoci vs Instituția Prefectului – Județul Constanța – Serviciul Public Comunitar Reġim Permise de Conducere și Înmatriculare a Vehiculelor**

**(Kawża C-236/15)**

(2015/C 270/18)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Constanța

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Dinu Antoci

Konvenuta: Instituția Prefectului – Județul Constanța – Serviciul Public Comunitar Reġim Permise de Conducere și Înmatriculare a Vehiculelor

**Domanda preliminar**

L-Artikolu 110 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprekludi l-istabbiliment, skont l-Artikolu 4(a) tad-Digriet ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 9/2013, tal-obbligu li titħallas it-taxxa tal-boll ambjentali li tolqot il-karozzi użati li joriġinaw miż-żona tal-Komunità waqt ir-reġistrazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti, skont il-liġi, tal-akkwist tad-dritt ta' proprjetà fuq karozza, mill-ewwel proprjetarju fir-Rumanija, u l-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni u l-ġhoti ta' numru ta' reġistrazzjoni?

---

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Mejju 2015 minn RFA International, LP mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) fis-17 ta' Marzu 2015 fil-Kawża T-466/12, RFA International, LP vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-239/15 P)**

(2015/C 270/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: RFA International, LP (rappreżentanti: B. Evtimov, avukat, Prof. D. O'Keefe, Solicitor, E. Borovikov, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea